QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 5 ta' Dicembru , 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 243/2020 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**Vs**

**Helen Vassallo (ID 362172M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi b'digriet datat 22 ta' Marzu tas-sena 2018, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat illi d-digriet taghha tat-13 ta' Jannar, 2018 u tat-22 ta' Marzu tas-sena 2018 (kopji annessi u mmarkati bhala 'Dok A u Dok B' rispettivament) jigu enforzati u esegwiti mill-marixalli tal-Qorti bl-assistenza jekk ikun hemm il-htiega tal-Pulizija Ezekuttiva;

2. Illi in segwitu ghall-istess digriet il-Marixxalli tal-Qorti, il-Pulizija u haddiema socjali mill-Appogg accedew fir-residenza tal-intimata sabiex jesegwixxu l-ordni tal-Qorti u jigbru lil minuri Jasmalene Abela;

3. Illi l-ordni tal-Qorti ma setghetx tigi esegwita stante illi l-intimata Helen Vassallo ma fethitx meta l-Marixxalli tal-Qorti, il-Pulizija u Ufficjali tal-Appogg marru fir-residenza taghha. In oltre l-istess ufficjali marru fir-residenza t'omm l-intimata fejn gew infurmati li l-intimata u l-minuri Jesmalene ma kienux qeghdin hemm hekk u dan kif anke evidenzjat fid-dikjarazzjoni tal-marixxalli (kopja anness u mmarkata bhala **'Dok C'**);

4. Illi permezz ta' rikors datat 23 ta' Marzu 2018 (kopja hawn annessa bhala **'Dok D'**) missier il-minuri u cioe' Patrick Abela talab sabiex ghar-ragunijiet hemm spjegati din l-Onorabbli Qorti tordna lill-esponenti sabiex a tenur tal-

artikolu 1003 A tal-Kap 12 jipprocedi bil-procedura ta' disprezz kontra l-intimata Helen Vassallo.

3. Illi b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-atti tal-medjazzjoni numru 1546/2017 fl-ismijiet Abela Patrick vs Abela Helen datat 12 ta' April tas-sena 2018 (hawn annessa bhala **'Dok E'**) din l-Onorabbli Qorti wara li rat l-atti ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz abbazi tal-artikolu 1003 A tal-Kap 12 kontra l-intimata Helen Vassallo.

4. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dkjarazzjoni neccessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni ndikatai fl-istess artikolu u tikkundannha ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux anqas minn mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimata;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjon i, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.'

Rat ir-risposta ta' Helen Vassallo (detentrici tal-Karta ta' l-identita bin-numru 0362171M)

1. 'Illi preliminarjament l-esponenti kunjomha huwa Vassallo u mhux Abela u ghalhekk tenhtieg li ssir id-debita korrezzjoni.

2. Illi mhux minnu li l-esponenti ghamlet xi att li bih wettqet disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi f'kull kaz ma jezistux l-elementi sabiex jinstab disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Salv eccezzjonijiet ohrajn permessibli bil-ligi.'

Rat id-dokumentazzjoni, affidavit, xhieda, atti annessi, kontro-ezamijiet u provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 22 ta' Ottubru, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors guramentat odjern id-Direttur rikorrent isostni li huwa gie dirett mill-Qorti tal-Familja sabiex jiftah l-istess rikors fil-konfront tal-intimata Helen Abela wara li allegatament hija setghet agixxiet b'disprezz lejn l-awtorita' tal-istess Qorti fl-ambitu ta' kawza ta' separazzjoni u kontestazzjoni ta' kura u kustodja tal-ulied u dan stante li l-kontro-parti Patrick Abela allega li hija naqset milli toqghod ghall-ordni tal-istess Qorti u ma rritornatx lill-minuri binthom Jesmalene lura lill-missier.

Illi da parti taghha l-intimata Helen Abela tichad li agixxiet b'xi mod kontra l-ordnijiet tal-Qorti tant li ssostni li kienet il-bint li harbet mill-iskola u fittxet l-ghajnuna taghha ghaliex ma riditx tmur lura tghix ma' missierha. L-intimata titlob li din il-Qorti tichad it-talba sabiexhija tinstab hatja ta' disprezz.

Illi fil-mertu, l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat fosthom id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja datat 13 ta' Jannar, 2018 a fol. 6 tal-process u d-digriet ulterjuri datat 12 ta' April, 2018.

Rat:

(i) L-atti kollha tal-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet esebiti f'diversi partijiet fl-atti odjerni uhud minnhom esebiti aktar minn darba,

(ii) Rat id-digriet u l-verbali tal-Qorti tal-Familja esebiti fl-atti kemm li sehhew qabel l-allegat disprezz kif ukoll wara;

(iii) Rat ix-xhieda tal-intimata **Helen Abela** f'dawn l-atti u fl-atti tal-medjazzjoni minn fejn jirrizulta li hija ma kienet taf b'xejn b'dak li kien behsiebha taghmel il-minuri u cioe' li tahrab mill-iskola u tmur fejn ohtha fuq ix-xoghol. Hija tghid li mill-ewwel hadet lill-minuri l-Ghassa kif ukoll l-Appogg sabiex tipprova ssib soluzzjoni ghall-fatt li l-minuri ma riditx tmur lura ghand missierha izda ma sabet l-ebda ghajnuna stante li kulhadd insista fuq id-digriet. Tghid li hija wkoll pruvat issib residenza alternattiva ghall-minuri izda dawn ma accettawx ukoll minhabba li ma kienx hemm ordni tal-Qorti f'dan ir-rigward. Rinfaccjata bir-rifjut tat-tifla li tmur lura ghand il-missier hija kellha zzommha maghha tant li anki fuq ix-xoghol kellha tohodha maghha ghaliex il-minuri ma riditx toqghod fl-ebda hin waheda bil-biza li jmorru ghaliha u johduha lura ghand il-missier. Tghid li l-minuri kienet tibghatilha l-messaggi sabiex tmur lura tghix maghha ghaliex missierha kien ihalliha waheda ma' zijiet anzjani u jmur jara l-futbok ma huha l-kbir ghal sieghat twal u kien jirrestringilha ferm il-hin taghha fuq l-internet fost affarijet ohra;

(iv) Rat u semghet ix-xhieda ix-xhieda ta' **Erica Abela** fl-atti odjerni u dawk annessi fejn din tikkonferma li ohtha minuri kienet marret fuq il-post tax-xoghol taghha li jinsab faccata tal-iskola u talbitha sabiex tghinha ghaliex ma riditx tmur lura toqghod ma' missierha. Hija tikkonferma li cemplet l-ommha sabiex tmur

ghall-minuri filwaqt li hi baqghet fuq ix-xoghol. Taf li semghet lill-ommha tghid lill-minuri sabiex imorru l-Ghassa biex tghidilhom b'kollox;

(v) Rat ix-xhieda ta' **Patrick Abela** fl-atti annessi u l-affidavit u x-xhieda tieghu fl-atti odjerni liema, affidavit din il-Qorti tirrileva li ma giex prezentat fl-original tieghu izda biss kopja. Fost bosta affarijiet ohra huwa jixhed li fit-22 ta' Marzu, 2018 l-intimata hatfitlu t-tifla Jesmalene mill-iskola u ma riditx tirritornaha. Huwa kien ipproceda permezz ta' rapport mal-pulizija u fetah rikors b'urgenza. Huwa wkoll jixhed li meta habbtu fid-dar tal-intimata ma kien hemm hadd;

(v) Semghet ix-xhieda tal-**marixxal Mario Genuis** u rat il-kopja tad-dikjarazzjoni datata 22 ta' Marzu, 2018 minn fejn jirrizulta ghalfejn ma setax jigi esegwit id-digriet tal-Qorti tal-Familja a fol. 159 tal-process. Jirrizulta li dan ma setax isir ghaliex ma fetah hadd fir-residenta tal-intimata. Regghet semghet lill-marixxal Mario Genuis jixhed nhar it-28 ta' April, 2022 a fol. 168 et seq tal-process li jikkonferma li ma fethilhom hadt tant li talbu n-numru tal-mobajl tal-intimata lil Patrick Abela sabiex jippruvaw jikkuntattjawha. Mkien minn din ix-xhieda ma jirrizulta li l-intimata setghet kienet id-dar u ma fethitx apposta;

(vi) Rat il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet esebit fl-atti li jgib id-data tal-25 ta' Awissu, 2017 cioe' kwazi sentejn qabel l-incident de quo u rat li f'Jannar, 2018 il-Qorti tal-Familja kienet alterat is-sitwazzjoni tal-minuri Jesmaline billi ordnat li din tmu tghix ma' missierha u l-omm tarha' biss f'access taht supervizjoni;

(vii) Semghet ix-xhieda ta' **Caroline Chircop** (fol. 166 et seq) *social worker* mal-Appogg li akkumpanjat lill-marixxalli sabiex jesegwixxu d-digriet tal-Qorti izda tikkonferma li fid-dar tal-intiamta ma fetah hadd;

(viii) Semghet ix-xhieda tal-**Marixxal Eugenio Mallia** a fol. 172 et seq tal-process li wkoll jikkonferma li x'hin marru biex jesegwixxu d-digriet ma kien hemm hadd fid-dar tal-intimata;

(xi) L-istess jixhed **PC 621 Christian Vassallo** a fol. 175 tal-process;

(x) Rat ukoll il-kontenut tax-xhieda l-ohra fl-atti tal-medjazzjoni fosthom dik tal-Kap. tal-Iskola tal-minuri li xehdet li l-minuri kien qed ikollha diffikultajiet dwar l-access tant li kienet taqbad u taghmel ta' rasha u minghand genitur tmur ghand l-ohra minghajr ma tavza lil hadd.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha u gharblet il-kontenut tax-xhieda kollha fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li, fl-ambitu ta' kawzi ferm kontestati bejn genituri f'kuntest ta' separazzjoni personali u kwistjonijiet dwar kura u kustodja ta' minuri, m'hemmx dubju li wiehed irid jagixxi b'hafna diligenza u mhux jaqbad u jhares biss lejn dak li hemm mitkub minghajr ma jifhem il-kuntest ta' dak li tkun ghaddejja minnu l-familja u partikolarment l-ulied rizultat tal-kontestazzjoni bejn il-genituri. In oltre f'dawn il-proceduri wiehed irid ukoll izomm f'mohhu li dawn huma procedura ta' natura penali w'ghalhekk il-grad tal-prova huwa dak tal-oltre ragonevoli dubju u mhux il-grad rikjest fic-civili tal-probabilita'.

Illi b'referenza ghall-fattispecie tal-kaz odjern, mill-atti jirrizulta li effettivament id-digriet tat-13 ta' Jannar, 2018 fejn il-minuri giet ordnata tmur tghix mal-missier gie effettivament esegwit billi l-minuri ittiehdet direttament mill-iskola ghand il-missier meta filghodu kienet marret ghall-iskola mid-dar ta' ommha. Fil-fatt jirrizulta li din ittiehdet minghajr ma kellha hwejjeg u uniformi ghar-raguni li d-digriet gie esegwit direttament mill-iskola.

Illi sa Marzu 2018 il-minuri Jesmalene baqghet tirrisjedi ma' missierha. Mix-xhieda ta' ommha u ta' hutha fl-atti odjerni u dawk li taghhom gew prezentati kopji, jirrizulta li l-minuri xejn ma kienet kuntenta tghix mal-misier anki ghaliex kien qed jirrestringi sew il-hin taghha ghall-access fuq l-internet u jidher li kien ihalliha hin twil wahedha ma zijiet ferm anzjani filwaqt li huwa jmur mat-tifel akbar jara l-futbol. Fil-fatt jirrizulta li l-minuri kienet ilha tghaddi messaggi lill-ommha u hutha l-bniet li ma kinitx kuntenta tghix mieghu u li riedet tmur lura gahnd ommha. Jirrizulta li l-omm Helen Abela kienet tghidilha li meta jmissha l-access kienet ser tohodha l-pulizija sabiex tghidilhom b'dak li kien qed jigri u dak li kienet tixtieq.

Illi mill-atti jirrizulta li l-minuri Jesmalene iddecidiet spontanja volonta taghha li f'gurnata minnhom f'Marzu, 2018 ma tmurx l-iskola izda nizlet mix-xarabank tal-iskola u flok dahlet l-iskola marret fejn ohtha fuq ix-xoghol id-dar tal-anzjani tal-Mtarfa. Ohtha Erica Abela tghid li Jesmalene malli rata marret tigri fuqha u tghidilha li hi ma tridx mur lura d-dar ta' missierha. Erica Abela ma kellhiex triq ohra ghajr li ccempel l-ommha sabiex tmur tigbor lill-minuri stante li Erica kienet fuq ix-xoghol. Din il-Qorti tifhem li f'dak il-mument x'hin Erica Abela rat lil ohtha f'dak l-istat ma setghet taghmel xejn aktar ghajr li ccempel l-ommha l-intimata

odjerna. Skont ix-xhieda ta' Erica Abela xejn ma hadet pjacir l-intimata Helen Abela li kien gara dak li gara ghaliex kienet taf li ser jinqala' l-inkwiet.

Jirrizulta mill-atti li l-omm Helen Abela kellha titlaq minn fuq ix-xoghol taghha sabiex tigbor lill-minuri. In oltre, Helen Abela, fil-mument li gabret lill-minuri, ma qabditx u hadet lill-minuri d-dar izda marret l-Ghassa sabiex tfittex l-ghajnuna u taghmel rapport dwar dak li kien qed jigri. Jidher li f'dak il-mument il-minuri fost ghajjat u biki qalet lill-pulizija li ma riditx tmur lura tghix ma' missierha. Jirrizulta wkoll li s-Surmast tal-iskola tal-minuri nfurmatha li jekk kienet ser terga' tmur lura l-iskola, x'hin tispicca l-iskola hija kienet ser tibghatha mal-missier skont id-digriet vigenti. Il-Qorti rat li mill-atti gie evidenzjat li l-minuri dak in-nhar ma riditx taf li tmur lura ghand missierha u ma halliet l-ebda opzjoni lill-omm cioe' l-intimata hlief li din izzommha maghha.

Illi l-Qorti rat ukoll mill-provi fl-atti li mhux talli l-intimata ma aggixietx b'disprezz tal-Qorti talli pruvat taghmel minn kollox sabiex issib soluzzjoni ghal bintha minuri billi dak in-nhar stess marret biha l-Ghassa, l-Appogg u anke pruvat issibilha residenza temporanja gewwa dar tat-tfal in vista tal-opposizzjoni tal-minuri li tmur ghand il-missier, jidher izda li t-tentattivi li ghamlet sabiex issib ghajnuna mill-awtoritajiet ma wasslu ghal-imkien. Il-Qorti rat ukoll li l-omm, rizultat tal-agir tal-minuri, spiccat ghal xi jiem kellha tiehu l-bintha maghha fuq ix-xoghol, fejn dak iz-zmien kienet issuq il-karozzi tal-linja u dan ghar-raguni li l-minuri bdiet tibza li jmur xi hadd ghaliha u jerga' johodha ghand il-missier.

Illi l-Qorti rat li ftit jiem jew gimghat wara li dan kollu sehh, wara li l-kaz instema' quddiem il-Qorti tal-Familja, inhareg digriet iehor

fejn il-minuri baqghet fil-kustodja tal-omm cioe' l-intimata filwaqt li l-access fil-konfront tal-missier gie ordnat li jkun supervizjonat.

Illi din l-ordni tal-ahhar tal-Qorti tal-Familja, ghalkemm fil-verbal taghha dik l-Onorabbli Qorti qalet li ma kienet qed taghmel l-ebda gudizzju fuq dak li gara, jevidenzja certament lil din il-Qorti li l-Qorti tal-Familja hassitha aktar komda u sigura li thalli l-minuri mal-omm filwaqt li sahansitra ordnat li l-access tal-missier ikun supervizjonat. Li kieku ma kienx hemm xi preokkupazzjoni da parti tal-Qorti tal-Familja ghall-ahjar interess tal-minuri fil-konfront tal-access tal-missier dan kienx ikun supervizjonat ghalkemm verament ghal certu perjodu biss. Dan kollu ma jistax jeskludi f'mohh din il-Qorti li allura kien hemm certu gustifikazzjoni ghalfejn il-minuri tant ma riditx tmur lura ghand il-missier. In oltre din il-Qorti tqis li mhux la kemm timponi fuq tifla ta' ghaxar snin li tmur tghix fejn ma tridx hi stante li din mhux tarbija tohodha fejn trid. In vista tal-opposizzjoni taghha din il-Qorti ma tqisx li fil-mument li l-minuri harbet mill-iskola li l-omm kellha xi alternattiva ghajr li tara kif taghmel biex tghin lil bintha.

Illi fuq kollox fl-atti odjerni l-intimata qed tigi mputata li naqset milli tobdi l-ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja ghar-raguni li l-marixxalli flimkien mal-pulizija marru d-dar taghha sabiex jinfurzaw id-digriet li l-minuri tigi ritornata u hi ma fethitx il-bieb. Irrizulta ampju li dak il-hin li marru l-marixxalli ecc. d-dar tal-intimata din ma kinitx hemm ghar-raguni li kienet marret mat-tifla l-Agenzija Appogg sabiex tfittex l-ghajnuna u tipprova ssib soluzzjoni ghas-sitwazzjoni pjetuza li kienet giet fih il-minuri fejn din ma riedet b'xejn tmur lura ghand missierha. Din il-Qorti minn dak li rat fl-atti tqis li kien hemm nuqqas ta' ko-ordinazzjoni grassa bejn l-Awtoritajiet involuti u ftit li xejn temmen illi kieku

verament riedu jsibu lill-intimata u l-minuri, li ma kienux isibuha la darba kienet hi stess li marret mill-ewwel ghand il-Pulizija u konsegwentement ghand l-Appogg. Pero' din il-Qorti tqis ukoll li t-tehid bil-forza ta' minuri ta' ghaxar snin meta din kienet qed tibki ghal soluzzjoni ohra ftit li xejn kien ser jaghmel gid lill-minuri f'dak l-istadju. L-isfortuna hi li l-Qorti tal-Familja fil-mument li harget id-digriet b'urgenza taghha ma kinitx inghatat l-informazzjoni kollha dwar x'kienet ghaddejja minnu l-minuri.

Illi din il-Qorti, in vista tas-suespost, tqis li l-intimata ma kellha l-ebda intenzjoni li tagixxi kontra l-ordnijiet tal-Qorti tal-Familja anzi hi ghamlet minn kollox sabiex tezonera ruhha mir-responsabbilta' billi marret mill-ewwel ghand il-Pulizija u ghand l-Agenzija Appogg sabiex tfittex l-ghajnuna u tipprova sahansitra ssib residenza alternattiva temporanja ghal minuri izda dawn jidher li strahu biss fuq digriet tal-Qorti minghajr ma lanqas pruvaw jaghtu ftit ghajnuna lill-minuri jew jippruvaw jifhmu l-problemi li kellha u jekk kienx fl-ahjar interess taghha li fl-istat li kienet terga' tmur lura ghand il-missier.

Illi mill-provi kollha fl-atti u mill-analizi suesposti l-Qorti tqis li ma tressqux provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi, meta wiehed jikkunsidra li dawn huma procedura penali u li jissodisfaw lil din il-Qorti li l-intimata agixxiet b'disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif definit fir-rikors guramentat promontorju w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz fejn mill-atti quddiem il-Qorti tal-Familja aktar harget cara l-pika bejn il-genituri u li dawn wasslu sabiex il-minuri tasal sabiex tahrab mill-iskola aktar milli pruvaw jagixxu fl-ahjar interess tal-minuri, filwaqt li tqis ukoll li d-Direttur

rikorrent ghamel biss dak li ordnatlu l-Qorti tal-Famija, din il-Qorti tqis li kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**05 ta' Dicembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**05 ta' Dicembru, 2024**